MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 289/2010

**A B, f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem tal-minuri C li twieled fis-19 ta' Lulju 2010**
**vs**
**D B, E F**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li fis-19 ta' Lulju 2010 hi weldet, minn relazzjoni li kellha mal-konvenut E F, it-tifel C li fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu, bin-numru 2301/2010, jinsab registrat bhala bin il-konvenut D Bli minnu l-attrici kienet separata de facto mis-sena 2008, u separata legalment fil-15 ta' Dicembru 2009; u ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1] tiddikjara li l-konvenut D Bmhuwiex il-missier naturali tat-tifel C li twieled fis-19 ta' Lulju 2010; [2] li tiddikjara li l-missier naturali ta' dan it-tifel huwa l-konvenut E F; u [3] li

tordna d-debiti korrezzjonijiet fic-certifikat tat-twelid fuq indikat; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru pubbliku li, wara li ssolleva eccezzjoni procedurali, eccepixxa li hu ma kienx edott mill-fatti tal-kaz, u wkoll li l-attrici “trid telgheb il-prezunzjoni legali mahluqa fis-sahha ta’ l-artikolu 81 tal-Kap.16”; ukoll qed jopponi li jigi assoggettat ghal xi spejjez;

Rat li l-konvenuti l-ohra, debitament ingunti, baqghu kontumaci;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Dottor Marisa Cassar;

Rat li fl-udjenza tat-8 ta’ Frar 2011 id-Direttur tar-Registru Pubbliku rtira l-ewwel eccezzjoni tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel C li twieled minnha fis-19 ta’ Lulju 2010, mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut D B, zewgha, izda hu l-wild bijologiku tal-konvenut E F.

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici u l-konvenut B, allura konjugi B, isseparaw de facto fil-bidu tas-sena 2008, u fil-15 ta’ Dicembru 2009 iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni personali.

Illi fil-bidu tas-sena 2009 hija dahhlet f’ relazzjoni stabbli mal-konvenut E F u bdiet tghix mieghu. L-attrici tghid li mis-separazzjoni de facto ‘il quddiem hija ma kellhiex relazzjonijiet intimi ma’ zewgha, u sussegwentement kellha relazzjonijiet intimi ma’ E F biss. Ghalhekk issostni li huwa l-konvenut F il-missier naturali tat-tifel.

Illi r-rapport xjentifiku tad-DNA jissufraga l-attrici fil-verzjoni taghha, stante li r-rizultanzi xjentifici jikkonfermaw li t-tifel C huwa l-wild naturali tal-konvenut E F.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici fit-termini taghhom.

L-ispejjez ikun a kariku ta' l-attrici f' isimha proprju u tal-konvenut E F, fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------